# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 14**

**Rikors numru 621/14/1 SM**

**Maria Concetta sive Mari Shires**

**v.**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali u l-Avukat Ġenerali llum Avukat tal-Istat għal kull interess**

1. Din is-sentenza titratta appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Novembru, 2015 permezz ta' liema: (i) l-konvenuti Avukat Ġenerali u Direttur Qrati Ċivili u Tribunali ġew meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju; u (ii) ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni preliminari mogħtija mill-Avukat Ġenerali u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan illi ġiet dikjarata bħala preskritta l-azzjoni attriċi għall-ħlas

ta' danni minħabba l-fatt li d-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku ma rreġistrax mandat ta' inibizzjoni li nħareġ fuq talba tagħha, bil-konsegwenza li sar trasferiment ta' proprjetà.

2. Il-proċeduri bdew jiżvolġew kif ser jingħad hawn taħt:

2.1. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2014, l-attriċi ppremettiet u talbet is-segwenti:

*'1. Illi fil-15 ta' Lulju 1984 miet Edgar Bonello, missier il-mittenti u permezz tat-testment tiegħu tas-6 ta' Mejju 1983 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella, filwaqt li nnomina bħala eredi tiegħu lill-uliedu l-oħra Joseph u Vincent Bonello, ddiżeredita lill-esponenti għar-raġunijiet indikati fl-istess testament.*

*"2. B'ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'Maria Concetta Shires proprio et nomine vs Vincent Bonello et', Ċitazz 771/1986, l-esponenti talbet li l-Qorti tiddikjara li r-raġunijiet miġjuba mit-testatur Edgar Bonello għad-diżeredazzjoni tagħha ma humiex minnhom u għalhekk id-diżerediazzjoni tagħha hija nulla u bla effett u li konsegwentament l-esponenti għandha dritt għal-leġittima skont il-liġi (din il-kawża ġiet deċiża b'eżitu favorevoli għall-esponenti fl-4 ta' Diċembru 2006).*

*"3. Illi permezz ta' digriet tal-15 ta' Diċembru 1986 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imsemmija Joseph u Vincent aħwa Bonello, kif ukoll kontra ommhom u omm l-esponenti, Giovanna armla ta' Edgar Bonello sabiex jiġu inibiti milli b'xi mod jiddisponu jew jaljenaw mill-assi ta' Edgar Bonello biex b'hekk jiġi aċċertat li fil-mori tal-kawża 774/186 fuq imsemmija l-assi ma jiġux sparpaljati.*

*"4. Illi dan il-mandat ġie debitament notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.*

*"5. Illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn Giovanna Bonello u żewġha Edgar Bonello, kif ukoll l-eredita ta' Edgar Bonello ma ġewx likwidati u lanqas ma saret id-diviżjoni tal-istess.*

*"6. Illi minkejja dan kollu, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tat-8 ta' Lulju 1999, Giovanna Bonello u Joseph Bonello biegħu*

*lil Vincent Bonello u martu Antoinette kwantu għal Giovanna Bonello għan-nofs indiviż u l-użufrutt tan-nofs indiviż ieħor u Joseph Bonello għall-kwart indiviż tan-nuda proprieta tal-garage li jismu 'Lourdes' bla numru f'Carmel Street, Birkirkara soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm3 versu l-prezz irriżorju ta' Lm2,000 għal Giovanna Bonello u Lm1,000 għal Joseph Bonello.*

*"7. Illi permezz ta' kuntratt ieħor fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tat-22 ta' Frar 2001 Giovanna Bonello ddonat lil Joseph Bonello in-nofs indiviż tal-piena proprieta u l-użufrutt tan-nofs indiviż l-ieħor ta' Flat 2, numru 23 Triq Abate Rigord, Msida filwaqt li ddonat lil Vincent Bonello n-nofs indiviż in piena proprieta u l-użufrutt tan-nofs indiviż l-ieħor ta' numru 61, jismu 'Mari' Islet Promenade Street, San Pawl il-Baħar u lil Joseph u Vincent Bonello mill-obbligu tal-kollazjoni ta' dawn l-immobbli mogħtija lilhom bl-imsemmi kuntratt.*

*"8. Illi permezz ta' ċitazzjoni numru 1431/2001 fl-ismijiet 'Michelle Shires et vs Giovanna Bonello et', l-esponenti talbet li l-Qorti tiddikjara illi l-imsemmija żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat huma nulli u bla effett u biex għalhekk il-Qorti tordna li ż-żewġ kuntratti jiġu mħassra u rexissi.*

*"9. Illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' April 2006 it-talbiet tal-esponenti ġew milqugħa iżda fuq appell ta' Joseph, Vincent u Antoinette Bonello, il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-Prim Istanza u fid-9 ta' Ġunju 2009 ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż.*

*"10. Illi permezz ta' Rikors ta' ritrattazzjoni numru 1431/2001 l-esponenti talbet illi ssir ir-ritrattazzjoni ta' din il-kawża, liema trattaxxjoni ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju 2010 fejn il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tal-esponenti għat-tħassir tas-sentenza fuq ċitata.*

*"11. Illi r-raġuni għaliex ġiet miċħuda t-talba tal-esponenti li jiġu annullati u mħassra ż-żewġ kuntratti fuq imsemmija tan-Nutar Brincat kienet għaliex il-Qorti ddeċidiet li għalkemm il-Mandat ta' Inibizzjoni kien inħareġ, dan ma kienx ġie debitament insinwat u konsegwentement ma kienx effettiv vis-a-vis terzi.*

*"12. Illi fil-fatt pero l-esponenti ħadet il-passi xierqa u opportuni sabiex il-Mandat ta' Inibizzjoni jiġi debitament notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u fil-fatt kien l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku li naqas milli jirreġistra fl-insinwa l-istess Mandat ta' Inibizzjoni.*

*"13. Illi minħabba dan in-nuqqas da parti tal-intimati jew min minnhom, l-esponenti sofriet ħsara u dannu billi l-proprjetajiet imsemmija fiż-żewġ kuntratti ma ġewx imqiegħda lura fl-assi ereditarja ta' Edgar Bonello u inoltre, minn dak iż-żmien sallum mietet Giovanna Bonello u għalhekk dawn l-assi m'humiex inklużi fil-massa ereditarja tagħha, minn liema eredita ta' Giovanna Bonello l-esponenti għandha sehem ta' ħamsa minn disgħa (5/9) iżda minħabba l-premess, minflok ma l-esponenti ġiet*

*fl-istess posizzjoni bħal ħutha, hija ġiet preġudikata severament kif ser jiġi ipprovat waqt l-andament ta' din il-kawża.*

*"14. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

*"15. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*"Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*" 1. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi.*

*" 2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*" 3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma hekk likwidata.*

*"Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.'*

2.2. Permezz ta' risposta ġuramentata ppreżentata fil-11 ta' Awwissu 2014, id-Direttur Ġenerali tar-Reġistru Pubbliku u l-Avukat Ġeneral wieġbu kif ġej:

*'1. Illi preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta u dan ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*"2. Illi preliminarjament ukoll l-Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur u dan in linea mal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi l-kawża għandha tiġi ntavolata kontra l-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li huwa nkarigat fil-materja in kwistjoni u per konsegwenza din l-imħarrek għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*"3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, fil-mertu tagħhom l-allegazzjonijiet u pertensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif se jiġi ppruvat aħjar matul din il-kawża;*

*"Għaldaqstant l-intimati qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż.'*

2.3. Fl-20 ta' Awwissu 2014 l-Aġent Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bil-ġurament tiegħu eċċepixxa:

*'1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eċċipjenti m'huwiex il-leġittimu kontradittur għal-lanjanzi attriċi u ġie traxxinat f'dawn il-proċeduri inutilment u għalhekk l-eċċipjenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

*"2. Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi, in kwantu diretti fil-konfront tal-eċċipjenti, huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu jirriżulta biċ-ċar, anke mill-mod li bih ġew postulati l-premessi u t-talbiet attriċi, illi l-lanjanza tar-rikorrenti m'humiex diretti fil-konfront tal-eċċipjenti u l-eċċipjenti bl-ebda mod ma jista jintalab iwieġeb għal-lanjanzi tar-rikorrenti.*

*"3. Illi fil-mertu l-eċċipjenti jirrileva li t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt inter alia peress illi għal dak li jirrigwarda insinwa tal-mandat dan assolutament mhux il-kompitu tal-esponenti u kwindi l-esponenti bl-ebda mod ma jista jiġi tenut responsabbli.*

*"4. Illi l-eċċipjenti ma jista' qatt jinstab responsabbli għal kwalunkwe danni mitluba mir-rikorrenti u kwindi anke minn dan il-lat din it-talbiet fil-konfront tal-eċċipjenti għandhom jiġu miċħuda;*

*"Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.'*

2.4. Fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2014 il-Qorti ordnat lill-konvenuti sabiex iressqu provi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-Avukat Ġenerali u l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali u fl-udjenza tal-24 ta' Ġunju 2015 il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar dawk l-eċċezzjonijiet.

2.5. B'sentenza tas-26 ta' Novembru 2015, il-Qorti Ċivili Prim'Awla ddeċidiet billi:

2.5.1. Laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tal-Avukat Ġenerali u l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali;

2.5.2. Iddikjarat l-azzjoni tal-attriċi preskritta b'applikazzjoni tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

2.5.3. Iddikjarat li fid-dawl tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta konvenut Avukat Ġenerali m'huwiex il-leġittimu kontradittur;

2.5.4. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

3. L-attriċi appellat minn din is-sentenza u ilmentat li:

*'(i) illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex takkolji l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali li mhuwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża meta jirriżulta ampjament mill-provi illi huwa kien direttament involut fil-fatti li wasslu sabiex saret il-kawża u li kien anke min-naħa tiegħu li wassal sabiex ir-rikorrenti ġarrbet id-danni li qed issofri u li għalihom qiegħda titlob kumpens permezz tal-proċeduri odjerni. Barra minn hekk, jirriżulta illi l-eċċezzjoni li d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali ġiet milqugħa mingħajr ebda aċċenn ta' motivazzjoni fis-sentenza tant hu hekk illi l-esponenti ma għandha l-ebda ħjiel fuq liema bażi ġiet milqugħa din l-eċċezzjoni.*

*"(ii) illi fil-fehma umli tal-esponenti, lanqas l-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kontradittur ma kellha tintlaqa' fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.*

*"(iii) Illi fil-fehma umli tal-esponenti, l-ewwel Onorabbli Qorti lanqas ma kellha tilqa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta meta jirriżulta illi minn meta ir-rikorrenti ġarrbet id-dannu minħabba l-aġir tal-intimati hija għamlet minn kollox sabiex interrompiet il-preskrizzjoni sakemm imbgħad intavolat il-kawża odjerna.'*

Hija talbet għalhekk lil din il-Qorti:

*'tirrevoka, tħassar u tannulla s-senteza mogħtija fil-Prim Istanza fis-26 ta' Novemnru 2015 u tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tal-Avukat Ġenerali kif ukoll tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.'*

4. L-appellati wieġbu li l-appell tal-attriċi huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata *in toto.* Jilmentaw ukoll li permezz tal-appell tagħha l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tagħmel valutazzjoni mill-ġdid tal-provi u jikkontendu li dan m'huwiex permissibbli ħlief għal raġunijiet gravi jew meta l-eżerċizzju diskrezzjonali żvolt mill-Prim'Istanza jkun manifestament ħażin, liema ċirkostanzi ma jirriżultawx f'dan il-każ.

<u>Konsiderazzjonijiet.</u>

5. Fil-kuntest tal-aggravju relatat mal-apprezzament tal-provi din il-Qorti qalet:

*'Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna*

*fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.'*[1]

6. Stabbilt dan, il-fatti riżultanti mill-atti li nġabru limitatament għall-finijiet tal-eċċezzjonijiet preliminari surriferiti huma illi:

6.1. Edgar Bonello, missier l-attriċi, miet fil-15 ta' Lulju 1984. Fit-testment li għamel fis-6 ta' Mejju 1983 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella, ipprovda għad-diżeredazzjoni tal-attriċi minħabba allegata moħqrija u offiżi gravi da parti tagħha fil-konfront tiegħu;

6.2. Fl-1986, l-attriċi f'isimha proprju u f'isem uliedha Michelle u Tristam fetħet kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra ħutha Joseph u Vincent Bonello u ommha Giovanna armla Bonello (Ċitazz Nru: 771/86 FS) sabiex il-Qorti tiddikjara li ma kienx hemm bażi għad-diżeredazzjoni. Subordinatament talbet ukoll li f'każ illi jiġi dikjarat li hija m'għandiex dritt għal-leġittima, jiġi dikjarat li għandhom dritt għall-istess leġittima wliedha Michelle u Tristam aħwa Shires;[2]

6.3. Kontestwalment, fid-19 ta' Awwissu 1986 l-attriċi f'isimha proprju u f'isem uliedha Michelle u Tristam ippreżentat rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 1286/1986) fil-

[1] ***Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dott. Joseph Muscat et*** deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018.
[2] Fol. 140 *et seq*.

konfront ta' ħutha Joseph u Vincent aħwa Bonello kif ukoll fil-konfront ta' ommha Giovanna xebba Martinelli bħala armla u użufruttwarja ta' Edgar Bonello.[3] Talbet li l-konvenuti jinżammu milli jitrasferixxu jew b'xi mod jiddisponu mill-ġid ta' Edgar Bonello, li miet fil-15 ta' Lulju 1984. Talbet ukoll li konsegwentement tiġi ordnata n-notifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, lir-Reġistratur tal-Artijiet, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-banek b'dik l-ordni;

6.4. *Inter alia*, ir-rikors ġie notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fid-19 ta' Settembru 1986;[4]

6.5. Permezz ta' nota ppreżentata fl-atti tal-istess mandat fit-23 ta' Settembru 1986, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rrileva illi filwaqt li huwa marbut bil-liġi jirreġistra l-insinwi kollha li jissodisfaw il-Kap. 93 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Liġi ma ttih ebda poter jew mezz biex ikun jista' jgħarraf lil terzi persuni b'mandat ta' inibizzjoni bħal dak;[5]

6.6. Fis-16 ta' Diċembru 1986 il-Prim'Awla tal-Qorti ĊIvili laqgħet it-talba tal-attriċi, '*b'dan illi jibqgħu esklużi mill-mandat l-oġġetti kollha manifatturati; xogħol u krediti li għandhom x'jaqsmu mal-azjenda tad-*

[3] Fol. 44 et seq. / fol. 60 et seq. / fol. 125 *et seq.*
[4] Fol. 47.
[5] Fol. 66.

*decujus, ġja magħrufa bħala "J.V. Bonello Jewellers" ta' 216, Old Bakery Street, Valletta';*[6]

6.7. Fis-6 ta' Jannar 1987[7] il-mandat ta' inibizzjoni kien notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

6.8. Għall-ħabta tas-sena 2001 l-attriċi saret taf mingħand ħuha Joseph Bonello li ommha kienet għamlet diversi donazzjonijiet lill-ħutha.[8] Għalhekk, fid-9 ta' Awwissu 2001 ippreżentat kawża sabiex jiġi dikjarat li l-kuntratti li kienu saru fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat fit-8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001 kienu nulli u bla effett (numru: 1431/01JA fl-ismijiet ***Michelle Shires et v. Giovanna Bonello et***). Permezz ta' sentenza tal-5 ta' April 2006,[9] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi l-ksur tal-ordni mogħtija mill-Qorti meta laqgħet it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ma jwassalx għan-nullità tal-kuntratti in kwistjoni peress li ma kienx hemm prova li l-mandat kien ġie reġistrat. Madanakollu, dik il-Qorti ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement laqgħet it-talbiet attriċi għaliex kienet tal-fehma li l-werrieta ma setgħux jittrasferixxu parti mill-wirt qabel issir il-likwidazzjoni jew qsim;

[6] Fol. 49.
[7] Fol. 99.
[8] Fol. 123.
[9] Fol. 166 et seq.

6.9. Joseph Bonello u Vincent u Antoinette konjuġi Bonello appellaw *in parte* mis-sentenza Ċitazz Nru. 1431/01 JA fl-ismijiet ***Michelle Shires et v. Giovanna Bonello et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' April 2006, in kwantu aggravati minn dik il-parti tagħha fejn ġew miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħhom u milqugħa t-talbiet tal-atturi. Appellaw inċidentalment ukoll l-atturi dwar il-kap tal-ispejjeż;

6.10. Fil-frattemp, fl-4 ta' Diċembru 2006, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża Ċitazz Nru: 771/86 FS billi laqgħet it-talba attriċi u ddikjarat li r-raġunijiet li ta missier l-attriċi għad-diżeredazzjoni fl-aħħar testment tiegħu ma humiex suffiċjentement validi u għandha jedd għal-leġittima. Is-sentenza ma ġietx appellata;

6.11. Sussegwentement, permezz ta' sentenza tad-9 ta' Ġunju 2009 il-Qorti tal-Appell iddeċidiet il-kawża Ċitaz. Nru 1431/01JA billi, filwaqt li ddikjarat l-appell inċidentali tal-atturi *fuori termine,* laqgħet l-appell tal-konvenuti u b'hekk ċaħdet it-talbiet kollha tal-attriċi. Dan abbażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

(i) Għal dak li jirrigwarda n-nofs indiviż mill-proprjetà ta' Giovanna Bonello derivanti mill-komunjoni tal-akkwisti li kellha ma' żewġha Edgar Bonello kienet qed titrasferixxi proprjetà personali tagħha u mhux assi

ereditarji ta' żewġha. In kwantu jirrigwarda l-assi ereditarji *proprio* tal-mejjet Edgar Bonello t-trasferiment, ossia diviżjoni parzjali tal-istess, seħħ bil-kunsens tal-kondividendi kollha[10] u b'hekk it-trasferiment huwa legalment validu u effikaċi fil-liġi;

(ii) Inoltre, leġittimarju m'għandux dritt jippretendi li l-leġittima spettanti lilu tiġi sodisfatta mill-eredi permezz ta' assi jew beni determinati.

6.12. Permezz ta' rikors intavolat fl-4 ta' Settembru 2009, l-atturi fil-kawża Ċitaz. Nru 1431/01JA talbu t-tħassir tas-sentenza fuq imsemmija u l-konsegwenti smigħ mill-ġdid tal-appell a tenur tal-Artikolu 811(e), (i) u (l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda din it-talba ġiet miċħuda b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Lulju 2010.

<u>L-ewwel aggravju.</u>

7. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, li biha sostna li m'huwiex leġittimu kontradittur, ma kellhiex tintlaqa'. Issostni li l-kawża ma mxietx għall-provi fil-mertu u għalhekk, limitatament għall-finjiet ta' dawn l-

[10] Ossija Victor u Joseph Bonello qua <u>uniċi</u> eredi ta' missierhom Edgar Bonello u ommhom qua użufruttwarja tal-istess *decujus*. Skont l-ordinament ġuridiku tagħna leġittimarju mhux eredi u ma jikkontinwax il-pussess tal-beni tal-mejjet.

eċċezzjonijiet kien biżżejjed li tipprova li kemm l-Avukat Ġenerali kif ukoll id-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali kienu nvoluti fl-andament tal-ġrajjiet li wasslu sabiex ir-rikorrenti eventwalment ġarrbet danni. Fir-rigward tal-involviment tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali fil-każ *de quo,* l-attriċi appellanti tisħaq li hija ppreżentat il-mandat ta' inibizzjoni fir-reġistru tal-Qorti li jaqa' taħt ir-responsabbilità tal-imsemmi direttur u għalhekk huwa kien responsabbli sabiex jinnotifika lill-appellat Direttur tar-Reġistru Pubbliku bl-istess mandat ta' inibizzjoni sabiex dan ta' l-aħħar jirreġistrah. Tilmenta li l-Qorti tal-ewwel istanza ma qieset xejn minn dan kollu u laqgħat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Direttur Qrati Ċivili u Tribunali mingħajr ebda motivazzjoni.

8. Id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali ma ppreżenta l-ebda tweġiba għall-appell tal-attriċi u lanqas ma saru sottomissjonijiet mid-difensur tiegħu matul is-seduta tal-11 ta' Jannar 2021.

9. F'paragrafu 9 l-ewwel Qorti qalet li b'dik is-sentenza kienet qiegħda tiddeċiedi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet li taw id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-Avukat Ġenerali (ara paragrafu 9 tas-sentenza). Fil-fatt f'dik is-sentenza l-ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet biss dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u jekk l-Avukat Ġenerali kienx leġittimu kontradittur biss. Dan hu wkoll evidenti mill-parti dispożittiva tas-sentenza, irrispettivament jekk b'dik is-sentenza suppost l-ewwel Qorti

kellhiex ukoll tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali.

10. Pero` wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti qalet:

> *"12.0. Illi in vista tal-premess din il-qorto hi sodisfatta li l-intimatia Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-Avukat Ġenerali ssodisfaw l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħhom u l-intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunal ssodisfa l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu, u konsegwentement:...."*

11. Fil-paragrafu tas-sentenza hemm il-parti dispożittiva li tibda hekk:

> *"12.1 Takkolji l-eċċezzjonijiet preliminari indikati fil-paragrafu preċedenti kif sollevati mill-intimati hemm riferiti...".*

12. B'hekk iddeċidiet l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali mingħajr ebda motivazzjoni u bi ksur tal-Art. 218 tal-Kap. 12.

13. Għalhekk dik il-parti tas-sentenza ser titħassar u l-ewwel Qorti ser ikollha terġa' tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u tagħti r-raġunijiet li jwassluha għad-deċiżjoni li għad trid tieħu.

14. Għaldaqstant, tilqa' l-ewwel aggravju tal-attriċi.

It-tieni aggravju.

15. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tilmenta wkoll li l-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali m'huwiex leġittimu kontradittur kellha tiġi miċħuda. Tikkontendi li kienet kostretta tipproċedi kontrih għaliex huwa jirrapreżenta l-Gvern u ż-żewġ konvenuti l-oħra ċaħdu kull responsabbiltà. Inoltre, l-Avukat Ġenerali eċċepixxa l-preskrizzjoni u għalhekk, skont l-appellanti, ikkonċeda li kien hemm dritt ta' azzjoni fil-konfront tiegħu.

16. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti teħles lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju kienu sostanzjalment is-segwenti:

> *'11.3. Illi l-procedura in dizamina hi indirizzata fil-konfront ta' kap dipartimentali partikolari li wkoll gie kolpit bl-istess procedura;*
>
> *"11.4. Illi l-intimat Avukat Generali jirrizulta allura ghal kollox estraneu ghal din il-procedura u ghandu biss jigi notifikat bl-istess ai termini ta' l-artiklu 181B (3) tal-istess Kap 12 fuq riferit;*
>
> *"11.5. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-intimat Avukat Generali m'ghandux ghalfejn ikun fil-procedura odjerna;'*

17. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti. Skont l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, '*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*'. L-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat, jirrappreżenta lill-Gvern biss '*f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.'*

18. Minn qari tar-rikors ġuramentat hu evidenti li l-Avukat Ġenerali ma kellu l-ebda involviment fl-aġir li l-appellanti qiegħda ssostni wassal sabiex issofri l-ħsara allegata.

19. Kuntrarjament għal dak allegat mill-attriċi, il-fatt li l-konvenuti ċaħdu l-pretensjonijiet tagħha m'hijiex raġuni valida fil-liġi biex jiġi wkoll mħarrek bħala konvenut fil-kawża l-Avukat Ġenerali. Skont l-Artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 l-Avukat Ġenerali kellu jiġi biss notifikat bl-atti tal-kawża biex, fejn neċessarju, jaqdi r-rwol tiegħu bħala avukat għal dak/dawk il-kap/ijiet tad-dipartiment/i tal-gvern li jkun/u ġie/ġew imħarrek/imħarrkin u separatament notifikat/i bl-atti bħala parti fil-kawża. Fl-ebda parti tar-rikors ġuramentat l-attriċi ma timputa xi nuqqas min-naħa tal-Avukat Ġenerali.

20. L-appellanti targumenta wkoll li bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-Avukat Ġenerali qed jgħid li l-attriċi kellha dritt ta' azzjoni fil-konfront tiegħu iżda llum il-ġurnata għadda ż-żmien sabiex tali azzjoni tiġi ppreżentata.

21. B'dik l-eċċezzjoni ma jfissirx li l-Avukat Ġenerali kien qiegħed jaqbel li teżisti xi relazzjoni ġuridika mal-appellanti. Sempliċement qal li l-jedd tal-azzjoni tal-attriċi, ovvjament fil-konfront tiegħu, hu preskritt u xejn iktar.

22. Għaldaqstant, tiċħad it-tieni aggravju.

<u>It-tielet aggravju.</u>

23. Bit-tielet aggravju tagħha l-appellanti tilmenta mbagħad minn dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz tagħha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *a tenur* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija preskrizzjoni ta' sentejn.

24. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-ewwel grad qalet:

> *"10.11. Illi l-perjodu preskrittiv relattiv ghandu jibda jiddekorri mill jum li fih ikun sehh l-illecitu u li minnu jirrizulta d-dannu u mhux minn dakinhar li r-rikorrenti saret taf bih, (ara Maltacom p.l.c. vs. Mizzi et datata l-1 ta' Gunju, 2004);*
>
> *"10.12. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta s-segwenti:*
>
>> *"10.12.1. Illi l-mandat t'inibizzjoni in dizamina nhareg fiz-19 ta' Settembru,1986, (ara foll 60);*
>>
>> *"10.12.2. Illi l-istess mandat kien notifikat lill-intimat Direttur fl-istess gurnata indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 63);*
>>
>> *"10.12.3. Illi l-ewwel darba li r-rikorrenti rreagixxiet fir-rigward jirrizulta li kien permezz ta' protest datat it-12 ta' Lulju, 2012, (ara foll 31 u 219);*
>>
>> *"10.12.4. Illi ghalhekk il-perjodu indirizzat fl-artiklu tal-Kodici Civili fuq riferit kien ghaddha abbundantement'*

25. L-appellanti tilmenta iżda li fl-1986 hija ma kienet ġarrbet ebda dannu u konsegwentment hija ma kellha l-ebda dritt ta' azzjoni fil-konfront

tal-konvenuti f'dak l-istadju b'dan illi, kuntrarjament għal dak deċiż fis-sentenza appellata, l-ebda perjodu preskrittiv ma seta' jiddekorri mill-1986. Tirreferi għaż-żewġ kawżi l-oħra li hija fetħet kontra ħutha u ommha fl-1986 u fl-2001 u tikkontendi li d-danni subiti mmaterjalizzaw biss meta ngħatat is-sentenza dwar it-talba tagħha għar-ritrattazzjoni tal-appell fil-kawża 1431/2001 fit-30 ta' Lulju 2010. Għalhekk, b'referenza għall-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivli u xi ġurisprudenza fir-rigward, tgħid li kien proprju fit-30 ta' Lulju 2010 li beda jiddekorri ż-żmien sabiex hija tfittex għad-danni subiti minnha. Tgħid li fil-fatt, hija kienet sussegwentement ippreżervat id-dritt ta' azzjoni spettanti lilha permezz ta' protest ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2012, li ġie notifikat lill-intimati odjerni fit-13 u 14 ta' Lulju 2012 rispettivament, u permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fis-26 ta' Ġunju 2014 qabel ma ntavolat il-proċeduri odjerni. F'kull każ, l-appellanti tikkontendi li l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 m'huwiex applikabbli fiċ-ċirkostanzi għaliex skontha l-konvenuti kellhom rabta legali magħha fil-mument li nħareġ il-mandat ta' inibizzjoni.

26. Għalkemm jidher li dan l-aħħar punt qed jiġi mqajjem biss f'dan l-istadju ta' appell, din il-Qorti xorta jidrilha li għandha tieħu konjizzjoni tiegħu ladarba jolqot il-bażi legali tal-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti.

27. Fit-tweġiba tagħhom l-appellati ma ndirizzawx dak l-argument għaliex deherilhom li '*fuq it-terminu tal-preskrizzjoni ma hemmx*

*kontestazzjoni mill-appellanta.'* Jargumentaw imbagħad li t-terminu ta' sentejn li jissemma fl-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 iddekorra ferm qabel ma ġiet preżentata l-kawża.

28. Dan l-ilment tal-attriċi hu issa rilevanti biss fil-konfront tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Il-bażi tal-azzjoni tal-attriċi hi li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku naqas milli jirreġistra fl-insinwa l-Mandat ta' Inibizzjoni (paragrafu 12 tar-rikors ġuramentat). Evidenti li qiegħda ssostni li dak il-konvenut kellu obbligazzjoni li jirreġistra l-Mandat ta' Inibizzjoni, sabiex terzi jkunu jafu bl-eżistenza tiegħu meta jagħmlu riċerki.

29. Fil-kawża ***Perit Joseph Barbara et v. Segretarju tal-War Damage Commission*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru 2003:

> *'In propositu ghat-tip ta' preskrizzjoni applikabbli fil-kaz ta' danni, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et. osservat li l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tlett xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' l-azzjoni kriminali], dawk derivanti minn htija akwiljana [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn] u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin]; u l-istess Qorti kompliet billi ccitat sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell, Emanuele Cassar vs Marija Ciappara fejn dik il-Qorti esprimiet ruhha hekk: "il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat tapplika biss ghad-danni akwiljana, naxxenti minn kawzi li, penalment mhumiex reati, imma jkunu delitti civili jew kwazi delitti."*
>
> *"...*
>
> *"Illi il-premess huwa rilevanti ghall-vertenza in ezami ghax juri bic-car li dak li qeghdin jitolbu l-atturi mhux danni emanenti minn delitt jew kwazi delitt, imma t-talba taghhom hija bazata fuq l-allegazzjoni li l-*

*Kummissjoni fil-fissazzjoni tal-kumpens dovut ma ssodisfatx pienament it-termini tal-ligi, u allura n-natura tal-azzjoni hija wahda ta' inadempiment parzjali ta' obbligu legali u mhux wahda ta' danni. Konsegwenza ta' dan il-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-Artikolu 2153 fuq citat mhijex applikabbli ghal dan il-kaz.'*

30. Fil-każ in eżami l-pretensjoni tal-attriċi għad-danni hija bbażata fuq l-allegata inadempjenza tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-mandat ta' inibizzjoni numru 1286/86 surriferit. Evidenti li l-appellanti tippretendi li dak l-obbligu jispetta lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-liġi.

31. Madankollu irrispettivament japplikax l-Art. 2153 jew l-Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, m'hemmx dubju li qabel inqatgħu l-kawżi **Maria Concetta Shires proprio et nomine v. Vincent Bonello et** (77/1986) deċiża fl-4 ta' Diċembru 2006 u **Michelle Shires et v. Giovanna Bonello et** (1431/2001) deċiża finalment fit-30 ta' Lulju 2010, l-attriċi ma setgħetx tipproċedi bil-kawża tal-lum. Kif rajna fl-ewwel kawża l-attriċi kkontestat id-diżeredazzjoni ordnata fit-testment minn missierha Edgar Bonello. Kawża għad-danni mill-attriċi kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kienet tkun żgur intempestiva diment li l-attriċi ma jkollhiex favur tagħha res judicata li ma kienx hemm bażi sabiex it-testatur Edgar Bonello jordna d-diżeredazzjoni tagħha. Dikjarazzjoni li ngħatat b'sentenza tal-Prim'Awla fl-4 ta' Diċembru 2006.[11]

[11] Fol. 140.

32. Inoltre t-tieni kawża titratta talba sabiex jitħassru l-kuntratti pubblikati min-nutar Joseph Brincat fit-8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001. L-ewwel wieħed kuntratt ta' bejgħ favur Vincent Bonello (iben Giovanna Bonello u ħu Joseph Bonello) u martu Antoinette, u l-ieħor donazzjoni lill-uliedha Joseph u Vincent aħwa Bonello. Hawn ukoll kawża għad-danni kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qabel it-30 ta' Lulju 2010 kienet tkun intempestiva għaliex sa dakinhar kienet għadha pendenti l-kawża 1431/2001 relatata mal-kuntratti ta' akkwisti fuq imsemmija, u li fiha l-attriċi kienet qiegħda ssostni li saru bi ksur tal-ordni mogħtija mill-Prim'Awla fis-16 ta' Diċembru 1986 fil-mandat ta' inibizzjoni numru: 1286/86.

33. B'hekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, il-preskrizzjoni fil-konfront tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bdiet tiddekorri mit-30 ta' Lulju 2010, data tal-aħħar sentenza li biha l-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tal-attriċi għar-revoka tas-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2009 u ritrattazzjoni tal-appell.

34. Imbagħad mill-atti jirriżulta li fit-12 ta' Lulju 2012 l-attriċi ppreżentat protest ġudizzjarju kontra l-konvenuti[12]. In-notifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku saret fis-17 ta' Lulju 2012. Għalhekk ukoll jekk japplika l-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili għall-każ in eżami, il-preskrizzjoni ġiet interrotta

[12] Fol. 31.

qabel għaddew sentejn minn meta bdiet tiddekorri. Sussegwentement, fis-26 ta' Ġunju 2014 l-appellanti ppreżentat ittra uffiċjali kontra l-istess konvenuti li biha sejħitilhom jersqu għad-danni,[13] u notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-1 ta' Lulju 2014. B'hekk il-preskrizzjoni reġgħet ġiet interrotta. Imbagħad fil-11 ta' Lulju 2014 l-attriċi ppreżentat il-kawża tal-lum. Għaldaqstant, l-azzjoni tal-attriċi kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'hijiex preskritta skont l-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

35. Għaldaqstant tilqa' t-tielet aggravju.

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċiedi l-appell tal-attriċi billi:

1. Tilqa' l-ewwel aggravju u tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali. L-ewwel Qorti għandha terġa' tiddeċiedi dwar l-istess. Spejjeż tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali taż-żewġ istanzi a karigu tiegħu.

2. Tiċħad it-tieni aggravju tar-rikors tal-appell.

3. Tilqa' t-tielet aggravju u tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u minflok tiċħad l-

---

[13] Fol. 40.

eċċezzjoni li l-azzjoni tal-attriċi hi preskritta skont l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

4. Spejjeż taż-żewġ istanzi fir-rigward tal-Avukat Ġenerali huma a karigu tal-attriċi. Spejjeż tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku taż-żewġ istanzi jibqgħu a karigu tiegħu. Spejjeż tal-attriċi a karigu tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Nofs l-ispejjeż tal-appell tal-attriċi huma a karigu tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjeż tagħha jibqgħu a karigu tagħha.

Ir-Reġistratur għandu minnufih jibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm